**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0053/2024**

22.2.2024

# RAPPORT

li fih mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (05818/2024 – C9-0030/2024 – 2023/0201M(APP))

Kumitat għall-Baġits

Korapporteurs: Jan Olbrycht, Margarida Marques



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI MHUX LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ....... 3

ANNESS ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ....... 12

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ....... 13

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....... 14

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI MHUX LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (05818/2024 – C9-0030/2024 – 2023/0201M(APP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-abbozz tar-Regolament tal-Kunsill (05818/2024) li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (C9-0030/2024),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 312(2) tat-TFUE,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[1], u d-dikjarazzjonijiet konġunti maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'dan il-kuntest[2] u d-dikjarazzjonijiet unilaterali relatati[3],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom,[4]

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[5] (l-"FII"),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[6],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2023)0337),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 intitolata

[1] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.
[2] ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 4.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0357.
[4] ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.
[5] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
[6] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

"Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027" (COM(2023)0336) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha (SWD(2023)0336),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar 2024,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-impatt fuq il-baġit tal-UE tal-2024 taż-żieda tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar it-titjib tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi ġodda[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi[10],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0053/2024),

A. billi r-regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perjodu 2021-2027 ma jipprevedix reviżjoni jew rieżami ta' nofs it-terminu obbligatorji; billi, f'dikjarazzjoni unilaterali fl-ambitu tal-ftehim ta' Diċembru 2020 dwar il-QFP, il-Kummissjoni impenjat ruħha li sal-1 ta' Jannar 2024 tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP;

B. billi, f'Diċembru 2022, il-Parlament enfasizza li, mill-adozzjoni tal-QFP f'Diċembru 2020, il-kuntest politiku, ekonomiku u soċjali nbidel immens, u stieden lill-Kummissjoni tressaq ir-rieżami ppjanat tagħha u tipproponi reviżjoni tal-QFP attwali;

1. Jissottolinja li reviżjoni tar-regolament QFP hija prerekwiżit essenzjali għall-iżgurar ta' appoġġ finanzjarju fuq terminu medju lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna, biex ikun possibbli finanzjament akbar għal prijoritajiet ta' politika mmirati, u biex jiġu salvagwardjati l-programmi tal-Unjoni u l-flessibbiltà tal-baġit fid-dawl ta' rati tal-imgħax ogħla minn dawk imbassra, u għalhekk kostijiet tas-self tal-Unjoni ogħla minn dawk previsti;

2. Jisħaq fuq il-fatt li l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda l-QFP huwa parti minn pakkett ta' leġiżlazzjoni u li l-adozzjoni tiegħu se tippermetti li jiġi pprovdut appoġġ rapidu lill-Ukrajna u tiżgura li jistgħu jiġu introdotti diġà żidiet fil-baġit tal-2024 permezz ta' baġit emendatorju u għas-snin li jifdal tal-perjodu tal-QFP; jissottolinja li r-reviżjoni tal-QFP tirrappreżenta titjib ċar fl-istatus quo, għalkemm xi

[7] Testi adottati, P9_TA(2023)0335.
[8] Testi adottati, P9_TA(2023)0194.
[9] Testi adottati, P9_TA(2023)0450.
[10] Testi adottati, P9_TA(2022)0219.

aspetti li jinsabu fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill mhumiex manifestament ottimali, u jħallu l-baġit tal-UE taħt pressjoni, b'marġini u flessibbiltà limitati, bi tnaqqis fil-programmi ewlenin u b'ambizzjoni mnaqqsa f'oqsma ta' politika importanti orjentati lejn il-futur, bħas-sovranità;

3. Ifakkar li l-Parlament sostna li r-reviżjoni għandha tiffoka primarjament fuq l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u fuq l-għoti ta' flessibbiltà adegwata lill-Unjoni biex tirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti u għall-kriżijiet, b'approċċ strutturali għall-appoġġ tal-Ukrajna u għall-ġestjoni tal-kostijiet ta' self tan-Next Generation EU u b'finanzjament imtejjeb għall-politika esterna, għall-migrazzjoni u għall-awtonomija strateġika u għall-kompetittività; jinnota li dawn il-prijoritajiet kienu kollha riflessi fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2023 għal reviżjoni u huma kollha preżenti, tal-anqas sa ċertu punt, fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill li l-Parlament huwa mitlub japprova;

4. Jissottolinja li l-Parlament ħadem malajr u b'mod kostruttiv mill-bidu biex il-pakkett tal-QFP jiġi adottat b'mod rapidu; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-proċess kien ostakolat minn diffikultajiet politiċi fost l-Istati Membri, li wasslu għal dewmien mhux mixtieq fil-Kunsill; jitlob li l-bidliet introdotti f'din ir-reviżjoni jiġu implimentati mingħajr aktar dewmien, b'mod partikolari biex jiġi żgurat il-pagament f'waqtu tal-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna, fid-dawl tal-urġenza tal-bżonnijiet;

5 Huwa jinsab iddiżappuntat li l-Kunsill u l-Kummissjoni ma applikawx id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u tal-FII biex jippermettu impenn xieraq aktar kmieni fil-proċess; jinsisti li, fil-futur, trid tiġi stabbilita kooperazzjoni fil-bidu ta' kwalunkwe proċedura ta' reviżjoni;

6. Jistabbilixxi hawn taħt il-kunsiderazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-aspetti differenti tar-reviżjoni tal-QFP;

*Appoġġ għall-Ukrajna*

7. Jilqa' l-pakkett ta' finanzjament ta' EUR 50 biljun għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027, li jgħaqqad għotjiet (EUR 17-il biljun) ma' self b'termini favorevoli ħafna (EUR 33 biljun) u li huwa ankrat fil-baġit tal-UE; jenfasizza li l-emenda tar-regolament QFP li l-Parlament huwa mitlub japprova hija prerekwiżit biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna;

8. Jissottolinja li din is-soluzzjoni strutturali fuq terminu medju tagħti ċertezza lill-poplu tal-Ukrajna, filwaqt li tippermetti lill-gvern iżomm servizzi essenzjali u jgħin lill-pajjiż fit-triq tiegħu lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru u s-sħubija mal-UE; iqis ukoll li l-pakkett ta' finanzjament huwa simbolu vitali tal-impenn fit-tul tal-Unjoni fil-konfront tal-Ukrajna u tal-poplu tagħha, u jibgħat sinjal importanti ta' dak l-impenn kemm lil donaturi ewlenin oħra kif ukoll lill-Federazzjoni Russa; jimpenja ruħu li jimmonitorja l-ħtiġijiet futuri ta' finanzjament tal-Ukrajna, filwaqt li jqis l-iżviluppi internazzjonali;

9. Jenfasizza li, bil-Faċilità għall-Ukrajna inkorporata fil-baġit tal-UE, se tiġi żgurata sistema ta' kontrokontrolli meħtieġa għall-infiq u għall-kontrolli finanzjarji meħtieġa, u r-Riżerva tal-Ukrajna li tkopri l-komponent tal-għotjiet tal-Faċilità se tiġi mmobilizzata mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali;

*Intestaturi 4 u 6 - Migrazzjoni u dimensjoni esterna*

10. Jilqa' l-fatt li EUR 3,1 biljun addizzjonali fi flus ġodda se jiġu pprovduti għall-Intestatura 6 (il-viċinat u d-dinja), flimkien ma' EUR 4,5 biljun oħra f'fondi diżimpenjati u ridistribwiti, li għandhom jerġgħu jintużaw fl-intestatura, għal total ta' EUR 7,6 biljun ippjanati li jintefqu fuq appoġġ għal miżuri ta' migrazzjoni u rifuġjati f'pajjiżi terzi u fuq finanzjament imtejjeb għall-adeżjoni għall-Balkani tal-Punent bejn l-2024 u l-2027; jissottolinja wkoll li l-ħolqien tal-Faċilità għall-Ukrajna u l-appoġġ imsaħħaħ għall-Balkani tal-Punent se joħolqu wkoll spazju għal appoġġ finanzjarju akbar għall-Moldova fit-triq tagħha lejn l-adeżjoni;

11. Jilqa' l-fatt li, bit-tneħħija mill-Intestatura 6 tal-garanziji tal-Bank Ewropew tal-Investiment relatati mal-Ukrajna u s-sussidji għar-rati tal-imgħax għal self ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna fl-2022 għal total ta' EUR 1,9 biljun, ir-reviżjoni tnaqqas aktar il-pressjoni fuq l-intestatura;

12. Huwa jinsab iddiżappuntat ħafna li la r-riżerva fil-programm għall-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali, u lanqas l-għajnuna umanitarja ma ġew rinfurzati bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP u li, minkejja t-titjib, l-intestatura kollha kemm hi se tibqa' taħt pressjoni sinifikanti għall-bqija tal-perjodu tal-QFP minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika diffiċli u l-kombinazzjoni ta' kriżijiet globali; jistenna li l-ħtiġijiet ta' għajnuna umanitarja jibqgħu jaqbżu l-ammonti bbaġitjati, u għalhekk għandu l-ħsieb, li jimmonitorja bir-reqqa, u meta meħtieġ jindirizza, dawk il-ħtiġijiet fil-proċedura baġitarja annwali;

13. Ifakkar li, skont ir-Regolament NDICI, il-fondi diżimpenjati għandhom jiġu impenjati mill-ġdid għal-linja baġitarja ta' oriġini tagħhom; jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar ir-riallokazzjoni tal-fondi diżimpenjati jridu jirrispettaw il-bilanċ intern u d-distribuzzjoni bejn il-linji baġitarji previsti fir-Regolament NDICI; jisħaq li t-tqassim preċiż tal-fondi fil-linji baġitarji huwa deċiż esklużivament mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali, u huwa determinat li jiżgura li l-UE tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju essenzjali u għajnuna għall-iżvilupp lin-Nofsinhar Globali;

14. Jissottolinja li l-appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi terzi għandu jingħata permezz ta' programmi fl-Intestatura 6, li jiżguraw sorveljanza robusta u jiggarantixxu l-prerogattivi tal-Parlament; jisħaq li l-użu tal-Faċilitajiet ma għandhomx jintużaw ħlief jekk ma jkunx hemm għażla oħra fil-qafas tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju; jenfasizza li l-mudell ta' governanza użat fil-Faċilità għall-Ukrajna, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu estensiv tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, huwa speċifiku għall-kuntest li fih se jopera, u għalhekk huwa eċċezzjonali u ma għandux jiġi rreplikat għall-ebda strument futur ta' dan it-tip;

15. Jilqa' l-ammont ta' EUR 2 biljun addizzjonali fl-Intestatura 4 (migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri), li se jkun kruċjali fl-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u se jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-programmi u l-aġenziji deċentralizzati fl-intestatura;

*Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)*

16. Jissottolinja li l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa hija maħsuba bħala

lieva biex jinħolqu sinerġiji bejn l-istrutturi tal-programmi eżistenti, u b'hekk tgħin biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, u tingħata spinta lill-investiment f'setturi strateġiċi u jitmexxew 'il quddiem it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; itenni li STEP għandha taġixxi bħala pjattaforma ta' ttestjar għal Fond għas-Sovranità operattiv fil-perjodu tal-QFP li jmiss;

17. Ifakkar, f'dak ir-rigward, li STEP kienet mistennija tgħaqqad finanzjament ġdid għal InvestEU u għal Orizzont Ewropa, għall-Fond għall-Innovazzjoni u għall-Fond Ewropew għad-Difiża mal-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-fondi fl-ambitu tal-programmi eżistenti, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-prefinanzjament u fil-kofinanzjament fl-ambitu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni;

18. Jilqa' t-tisħiħ tal-kapaċità ta' investiment fid-difiża tal-Unjoni permezz tat-tisħiħ ta' EUR 1,5 biljun tal-Fond Ewropew għad-Difiża; jesprimi dispjaċir, madankollu, għar-riżorsi addizzjonali globalment limitati biex jiġu appoġġjati l-objettivi ta' STEP u n-nuqqas ta' finanzjament ġdid għall-programmi l-oħra, b'riperkussjonijiet negattiv fuq l-investimenti ekoloġiċi u diġitali;

***Pagamenti tal-imgħax ta' Next Generation EU***

19. Jilqa' l-fatt li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill jistabbilixxi strument speċjali mhux limitat lil hinn mill-limiti massimi (l-istrument tal-EURI) biex ikopri mill-anqas parti min-nuqqas fil-kost tas-self tan-Next Generation EU, li se jipprovdi ċertezza lis-swieq finanzjarji; ifakkar li n-nuqqas bħalissa huwa stmat għal EUR 15-il biljun bejn l-2025 u l-2027; jissottolinja li, mingħajr reviżjoni tal-QFP, kwalunkwe nuqqas jista' jiġi ssodisfat biss billi jitnaqqsu l-programmi u tiġi eżawrita l-flessibbiltà baġitarja;

20. Jisħaq li l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU huma soġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq, influwenzati minn fatturi esterni, u b'hekk huma karatteristikament volatili u li r-ripagament tal-kostijiet tas-self huwa impenn legali mhux diskrezzjonali għall-Unjoni; itenni, għalhekk, li huwa ferm kontra li r-ripagament tal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU jiġi soġġett għal limitu massimu taħt intestatura tal-QFP fin-negozjati tal-QFP tal-2020; ifakkar li huwa sostna ripetutament li l-kostijiet kollha tas-self tan-Next Generation EU għandhom jiġu kkunsidrati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, u dan jikkostitwixxi soluzzjoni strutturali komprensiva biex jiġu koperti l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU, li żdiedu minħabba ż-żieda fir-rati tal-imgħax u li rrikjedu użu sostanzjali tal-flessibbiltà tal-baġit fl-2023 u fl-2024;

21. Jissottolinja li l-istrument tal-EURI jikkonsisti minn żewġ kompartimenti u l-ewwel wieħed li għandu jintuża fih ammont ekwivalenti għal fondi diżimpenjati filwaqt li t-tieni jikkonsisti minn garanzija ta' sostenn magħmula minn kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-Istati Membri; ifakkar il-fehma li ilha teżisti tal-Parlament li l-approprjazzjonijiet diżimpenjati għandhom jibqgħu fil-baġit u għandhom jiġu impenjati mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali; jilqa', għalhekk, dan il-pass importanti biex jiġi rikonoxxut li l-approprjazzjonijiet impenjati fil-baġit għandhom jibqgħu fil-baġit u jgħinu biex tiġi pprovduta l-flessibbiltà baġitarja tant meħtieġa;

22. Jinnota li, qabel ma jsir rikors għall-istrument speċjali, l-awtorità baġitarja hija mistennija teżamina l-possibbiltà li tkopri parti minn kwalunkwe nuqqas fl-intestaturi u

permezz tal-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li dan il-proċess irid ikun oġġettiv u bbażat fuq ħtiġijiet reali u ma jista' jkun xprunat minn ebda parametru referenzjarju arbitrarju; ifakkar, f'dan il-kuntest, li d-Dikjarazzjoni Konġunta miftiehma mit-tliet istituzzjonijiet bħala parti mill-ftehim tal-QFP tal-2020, fejn in-nefqa biex jiġu koperti l-kostijiet ta' finanzjament tan-Next Generation EU "għandha l-għan li ma tnaqqasx il-programmi u l-fondi", għadha tapplika u sservi bħala punt ta' referenza għall-awtorità baġitarja; għandu l-ħsieb, għalhekk, li jiżgura li l-programmi kollha jkollhom ir-riżorsi xierqa, u li jinżammu l-flessibbiltà u l-kapaċità ta' rispons tal-baġit permezz tal-proċedura baġitarja annwali;

23. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni affidabbli, f'waqtha u preċiża dwar il-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU u dwar il-ħlasijiet mistennija tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza matul il-proċedura baġitarja;

24. Jenfasizza li, skont it-Trattati, il-Kunsill Ewropew ma għandu l-ebda rwol, la fil-proċedura baġitarja u lanqas fil-proċedura leġiżlattiva; jisħaq li kwalunkwe diskussjoni dwar l-Istrument tal-EURI fil-Kunsill Ewropew ma tridx tfixkel il-kalendarju prammatiku għall-proċedura baġitarja miftiehma f'konformità mal-FII ta' kull sena u ma trid bl-ebda mod tikkundizzjona l-iżvolġiment tal-proċedura baġitarja; jissottolinja li se jkun partikolarment viġilanti f'dan ir-rigward u jiżgura li l-prerogattivi tal-awtorità baġitarja kif stabbiliti fit-Trattati jiġu rrispettati bis-sħiħ u li l-FII jiġi osservat bis-sħiħ;

***Flessibbiltà u Strumenti Speċjali***

*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza*

25. Jindika ż-żieda fil-ħtiġijiet mill-bidu tal-QFP għall-għajnuna umanitarja u r-rispons ta' emerġenza ġewwa u barra l-Unjoni, u għall-appoġġ fir-rigward tad-diżastri naturali, li qed isiru aktar frekwenti u aktar intensi b'mod partikolari minħabba t-tibdil fil-klima; huwa konvint li tali ħtiġijiet x'aktarx li jiżdiedu; jilqa', għalhekk, il-fatt li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) se tiżdied b'EUR 1,5 biljun għall-bqija tal-perjodu tal-QFP, għalkemm għadu mħasseb li, anke b'din iż-żieda, il-ħtiġijiet x'aktarx li ma jiġux issodisfati;

26. Jilqa' l-fatt, barra minn hekk, li f'konformità mal-pożizzjoni li ilha teżisti tal-Parlament, l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill jaqsam l-istrument f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni u barra minnha; iqis li din l-arkitettura riveduta se tiffaċilita l-implimentazzjoni;

27. Jinsab imħasseb, madankollu, li l-perċentwal maqsum bejn iż-żewġ riżervi, b'żewġ terzi allokati lir-Riżerva ta' Solidarjetà u terz lir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, mhuwiex kompletament allinjat mal-bilanċ tal-ħtiġijiet fl-ewwel tliet snin tal-QFP, li kienu eqreb għal proporzjon ta' 65 %-35 %;

28. Jilqa' l-fatt li ammonti potenzjali mhux użati fl-ambitu tar-Riżerva ta' Solidarjetà u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, li kieku jintilfu, se jerġgħu jsiru disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà fis-sena ta' wara, u dan jistabbilixxi prinċipju importanti biex tittejjeb il-flessibbiltà;

*Strument ta' Flessibbiltà*

29. Jirrikonoxxi li, permezz taż-żieda ta' EUR 2 biljun tal-Istrument ta' Flessibbiltà bejn l-2024 u l-2027, u permezz tal-ħolqien tal-istrument speċjali tal-EURI għall-qbiż tal-kost tas-self tan-Next Generation EU, l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill inaqqas xi ftit mill-pressjoni fuq il-baġit; iqis, madankollu, li, minħabba l-loġika tal-proċedura li twassal għall-attivazzjoni tal-istrument speċjali l-ġdid u n-nuqqas fl-infiq amministrattiv minħabba l-inflazzjoni, iż-żieda hija fil-biċċa l-kbira allokata minn qabel; jibqa' mħasseb li, f'konformità max-xejriet tal-użu fis-snin bikrija tal-QFP, iż-żieda tista' ma toħloqx spazju baġitarju suffiċjenti biex l-Unjoni tkun tista' twieġeb għal ċirkostanzi mhux previsti u għal ħtiġijiet emerġenti;

30. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, fir-rigward tal-flessibbiltà u tar-rispons għall-kriżijiet, ir-reviżjoni tal-QFP tista' titqies biss bħala opportunità mitlufa;

***Riżorsi Proprji Ġodda***

31. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-pjan direzzjonali legalment vinkolanti fl-FII, li fih il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom li jintroduċu biżżejjed riżorsi proprji ġodda biex tal-anqas ikopru r-ripagament tal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU u, lil hinn mill-QFP attwali, il-kapital;

32. Jesprimi dispjaċir kbir għan-nuqqas ta' progress fil-Kunsill dwar il-proposti ta' riżorsi proprji preżentati u jfakkar li ħa l-passi kollha meħtieġa biex jippermetti adozzjoni rapida; jistieden lill-Kunsill japprova l-proposti mingħajr aktar dewmien; jissottolinja li l-progress fir-rigward ta' riżorsi proprji ġodda ġenwini lil hinn mill-proposti eżistenti għadu vitali;

***Pagamenti***

33. Jissottolinja li l-kredibbiltà tal-Unjoni tiddependi mill-iżgurar li jkun hemm approprjazzjonijiet ta' pagament adegwati biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jirċievu l-flus li jkunu dovuti lilhom fi żmien xieraq; ifakkar li huwa mistenni li jkun hemm żieda qawwija fil-ħtiġijiet ta' pagament fl-aħħar snin tal-perjodu tal-QFP, anki minħabba l-aġġustament fl-ambitu u r-regoli għall-użu tal-fondi ta' koeżjoni li jirriżultaw mir-regolament STEP;

34. Jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill ma jadottax il-proposta tal-Parlament dwar it-tneħħija tal-limitu massimu annwali f'approprjazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku, li kien jelimina kwalunkwe riskju ta' kriżi ta' pagamenti;

35. Jinnota li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill jipprovdi xi flessibbiltà fil-limiti massimi tal-pagamenti billi jippermetti ammont ekwivalenti għall-porzjon mhux użat tal-aġġustament annwali massimu għal-limitu massimu tal-pagamenti tal-2025 li għandu jiġi riportat għall-2026, għalkemm dan ma jeliminax kompletament ir-riskju ta' arretrat; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet ta' pagament u tipproponi kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa lill-awtorità baġitarja fi żmien xieraq;

*Impatt fuq il-baġit tal-UE*

36. Jissottolinja li, għall-kuntrarju tal-baġits nazzjonali fejn l-inflazzjoni taffettwa l-valur nominali kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq, il-limiti massimi tal-infiq tal-QFP jiżdiedu kull sena bi 2 %, filwaqt li l-limitu massimu tar-riżorsi proprji huwa aġġustat skont l-inflazzjoni; ifakkar li l-inflazzjoni naqqset il-valur f'termini reali tal-QFP b'EUR 74 biljun skont il-Kummissjoni, filwaqt li d-dħul mitlub mill-Istati Membri għan-nefqa tal-QFP naqas bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING), u r-ribassi għall-ħames Stati Membri benefiċjarji, li huma marbuta mal-inflazzjoni, żdiedu b'rata ogħla mil-limiti massimi tal-QFP;

37. Jibqa' mħasseb li, anke wara r-reviżjoni, l-approprjazzjonijiet ta' impenn totali jammontaw biss għal 1,02 % tal-ING u l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali jammontaw biss għal 1,01 % tal-ING; ifakkar li, oriġinarjament, l-approprjazzjonijiet ta' pagament fil-QFP attwali kienu ppjanati li jkunu stabbiliti għal 1,10 % tal-ING; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, l-isfidi baġitarji li qed jiffaċċjaw ħafna Stati Membri;

38. Jiddeplora t-tnaqqis fil-programmi ewlenin fir-reviżjoni tal-QFP, speċjalment f'dawk imsaħħa speċifikament bħala parti mill-ftehim tal-QFP tal-2020, u huwa mħasseb b'mod partikolari dwar is-sinjal politiku li dan it-tnaqqis jagħti;

39. Jesprimi dispjaċir kbir għat-tnaqqis ta' EUR 2,1 biljun fil-pakkett finanzjarju għal Orizzont Ewropa, li jmur kontra l-objettiv iddikjarat mill-Kunsill stess li jinvesti 3 % tal-Prodott Domestiku Gross fir-riċerka u l-iżvilupp; jirrimarka, madankollu, li l-Parlament għen biex jittaffa l-impatt tat-tnaqqis f'Orizzont Ewropa billi għamel disponibbli EUR 100 miljun ta' diżimpenji fis-settur ta' riċerka skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju għall-benefiċċju tal-programm, minbarra l-ammont ta' EUR 500 miljun diġà miftiehem fl-2020; ifakkar li l-Parlament kien ilhu jitlob l-użu mill-ġdid tad-diżimpenji fis-settur ta' riċerka;

40. Ifakkar fl-importanza tal-politiki tas-saħħa u l-impenn politiku ċar fil-ftehim tal-QFP tal-2020 biex tingħata prijorità lill-finanzjament tas-saħħa; jinsab, għalhekk, ferm iddiżappuntat bit-tnaqqis ta' EUR 1 biljun għall-programm l-UE għas-Saħħa; jikkunsidra li tali deċiżjoni x'aktarx timmina t-tħejjija għal kwalunkwe pandemija ulterjuri u tillimita l-kapaċità tal-Unjoni li tappoġġja s-sistemi tas-saħħa pubblika; jirrimarka, madankollu, li, fuq talba tal-Parlament, il-profil tal-infiq tal-programm ġie adattat sabiex jittaffa l-impatt tat-tnaqqis fuq l-implimentazzjoni prattika billi l-effett tat-tnaqqis jinfirex b'mod aktar uniformi fuq is-snin li jifdal;

41. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-pakketti nazzjonali allokati minn qabel ma għandhomx jiġu aġġustati fir-reviżjoni tal-QFP; jilqa', għalhekk, id-deċiżjoni li l-pakketti nazzjonali allokati minn qabel ma jintmessux u li ma jiġux ikkunsidrati fil-mekkaniżmu biex jiġi kopert in-nuqqas fil-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU; jiddeplora, madankollu, it-tnaqqis fl-azzjonijiet ta' ġestjoni diretta fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni (-EUR 0,4 biljun) u l-Politika Agrikola Komuni (-EUR 0,7 biljun), u b'hekk jitnaqqas il-potenzjal u l-impatt sħiħ ta' dawk l-azzjonijiet;

42. Jirrikonoxxi li kemm il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kif ukoll ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) ma kinux meħtieġa sa fejn kien previst u li hemm lok li jiġu aġġustati l-pakketti tagħhom; jikkunsidra li l-ammonti

minn dawn l-istrumenti speċjali kellhom jerġgħu jintużaw għal skopijiet oħra fil-baġit, pereżempju biex jissaħħaħ l-Istrument ta' Flessibbiltà;

*Implimentazzjoni tal-Pakkett tal-QFP*

43. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi spjegazzjoni dettaljata lill-awtorità baġitarja dwar kif beħsiebha timmaniġġja l-bidliet kollha fil-programmi u l-istrumenti speċjali sabiex, kemm jista' jkun, it-twettiq tal-objettivi fundamentali tagħhom ikun jista' jintlaħaq, u tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-impatt tar-reviżjoni fuq il-baġit tal-UE kollu kemm hu;

44. Huwa lest li jippromulga kwalunkwe bidla leġiżlattiva u baġitarja meħtieġa mingħajr dewmien żejjed fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni; ifakkar, f'dak ir-rigward, fid-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tal-eżitu tar-reviżjoni tal-QFP fil-baġit għall-2024;

45. Jinsisti li l-Parlament se jiżgura li l-prerogattivi tiegħu fil-proċedura baġitarja annwali jiġu rrispettati bis-sħiħ fl-implimentazzjoni ta' dan il-pakkett;

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# ANNESS ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteurs jiddikjaraw li rċevew kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Spanish Presidency of the Council of the EU |
| Belgian Presidency of the Council of the EU |
| European Union Agency for Asylum |
| European Commission - DG BUDG |
| European Commission - DG NEAR |
| European Commission - DG INTPA |
| European Commission - DG ECHO |
| European Investment Bank |
| Finnish Parliament delegation |
| Swedish Ministry for EU Affairs |
| Permanent Representation of the Slovak Republic to the EU |
| The EU Affairs Committee of the German Bundestag |
| Head of the Europe Department, German Ministry of Finance |
| European Committee of the Regions |
| The European Economic and Social Committee (EESC) |
| U.S. Department of the Treasury |
| Permanent Representation of Poland to the European Union |
| ONE campaign |
| Head of European Government Affairs, Global Government Affairs |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Referenzi** | - 2023/0201M(APP) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jan Olbrycht 2.2.2024<br>Margarida Marques 2.2.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.2.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 22.2.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 2<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pietro Bartolo, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Pascal Durand, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Valentino Grant, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Fabienne Keller, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Camilla Laureti, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Andrey Novakov, Dimitrios Papadimoulis, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Angelika Winzig |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Damian Boeselager, Ana Collado Jiménez, Francisco Guerreiro, Petri Sarvamaa |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Grapini |
| **Data tat-tressiq** | 22.2.2024 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| PPE | Ana Collado Jiménez, José Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Petri Sarvamaa, Angelika Winzig |
| Renew | Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Fabienne Keller, Moritz Körner, Nils Torvalds |
| S&D | Pietro Bartolo, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Maria Grapini, Eero Heinäluoma, Camilla Laureti, Margarida Marques, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Damian Boeselager, Francisco Guerreiro |

| 2 | - |
|---|---|
| ID | Joachim Kuhs |
| NI | Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ECR | Bogdan Rzońca |
| ID | Valentino Grant |
| The Left | Dimitrios Papadimoulis |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni